nħossu li ma konniex weħidna. Ġie li kont nixgħel id-dawl ta' xi kamra u wara ftit nisma' "klikk", qisu xi ħadd reġa' mar biex jixgħel. Ġie li kont nitla' t-taraġ u nħoss qisu r-riħ ta' xi ħadd li jkun għadda minn ħdejja. Jista' jkun illi daħħalna xi fellus f'rasna, u minn dan kollu ma kien hemm xejn għax aħna konna ngħidu lil xulxin biex niċċajtaw, "Ar'hemm ġej ir-raġel għalik!" Iżda ftit wara ma bqajniex niċċajtaw iżjed.

Oħti kienet brava ħafna, u għalhekk kienet tmur tagħti l-privat lit-tfal ta' maġenbna. Dawn kamrithom kienet tmiss mal-ġnien u darba waħda staqsew lil oħti, "Intom qed taraw raġel miexi fil-ġnien? Aħna kuljum naraw raġel miexi fil-ġnien tagħna". Oħti ma qaltilhomx bl-iskeletru, għax ma riditx tbeżżagħhom, iżda lilna qaltilna u iżjed bdejna nibżgħu.

Wara ftit bdew jiġru affarijiet mhux tas-soltu. Jien u oħti konna norqdu fl-istess kamra. Darba waħda, konna għadna kif dħalna fis-sodda, meta smajt qisu xi ħadd ibati biex jieħu n-nifs. Dort lejn oħti u għedtilha, "Int li tibża' aktar minni, qed tipprova tbeżżagħni?" Iżda hi qaltli, "X'inti tgħid? Naħliflek li mhux jien kont". Kont naf li ma kenitx qed tigdeb. Ħaġa oħra hi li ftit wara oħti niżlet mit-tielet sular fejn kienet qed tistudja u qaltilna, "Tas-sew hawn xi ħaġa f'din id-dar". Staqsejnieha x'kienet rat, iżda hi ma riditx tgħidilna.

Iżda l-agħar kien għadu ġej. Lejla waħda sajfija jien u ommi konna qegħdin nieklu ħdejn il-bieb tal-ġnien. Billi d-dawl kien nqata' mill-Gvern minħabba l-gwerra, kellna lampa tal-pitrolju ħdejna meta f'daqqa waħda wiċċ ommi sar abjad daqs il-qarsa tax-xemgħa u qaltli, "Isa, qum għalaq il-bieb tal-ġnien". Jien qomt u għalaqt il-bieb. Jien u nagħlaq il-bieb rajt lil ommi tiġri 'l fuq u titla' t-taraġ tnejn tnejn. Jien stagħġibt, għax ommi kienet tbati b'qalbha u s-soltu kienet iddum biex titla' t-taraġ. Meta staqsejnieha x'kien ġara, hi weġbitna, "Ma ngħidilkomx illum, għax ma torqdux. Ħalluni waħdi. Ngħidilkom għada". L-għada filgħodu qaltilna, "Aħna u nieklu rajt raġel ġej mit-tarf tal-ġnien. Kien raġel twil, sabiħ u mibrum. Kien liebes qisu kien sejjer riċeviment. Saċ-ċoff kbir ma' għonqu, iżda flok ras ta' bniedem kellu ras ta' mewt!" Imbagħad daret lejja u qaltli, "Ir-raġel daħal mill-ġnien, u għadda minn warajk. Imbagħad mar biex jixgħel id-dawl, iżda billi d-dawl kien maqtugħ, ma rnexxilux jixgħel".






**Għaliex għandu jkollok kont kurrenti magħna?**

Ibda biex, kull ħlas li jkollok tista' tagħmlu b'ċekk — b'hekk m'għandekx għalfejn iġġorr ħafna flus fuqek u jekk tibgħat ċekk bil-posta lil min trid tħallas tiffranka li tistenna fil-kju.
Il-Bank jagħtik "statements" ta' sikwit biex b'hekk dejjem tkun taf fhiex inhu l-kont tiegħek. Barra minn hekk, tingħata wkoll pariri finanzjarji. Ħaġa mill-eħfef tiftaħ kont kurrenti magħna. Ejja l-uffiċċju tagħna. Aħna lesti biex naqduk.

**Lombard Bank (Malta) Limited**
Lombard House, Republic Street, Valletta.
Tel: 620631/2, 620443. Telex: MW 379.

Lombard Bank (Malta) Limited huwa membru tan-'National Westminister Bank Group' b'Kapital u Riserva li jaqbżu £1,300,000,000 Sterling.